MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 18/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**STELLA MUSCAT**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Stella Muscat mart il-mejjet Carmelo bint Lewis Saliba u Mary nee` Zammit imwielda fit-3 t'April 1949 u residenti 'Carm Stell', Triq Wied Simar, Qala Ghawdex giet imressqa quddiemha akkuzata talli f'dawn l-ahhar xhur minghajr licenzja tal-pulizija, bniet jew ghamlet haga fit-toroq li tista' ggib xkiel jew periklu jew inkomdu lill-pubbliku, inkella halliet, wara li giet mwissija mill-pulizija, bini jew opri ohra fi stat ta' tigrif fi sqaq magenb residenza

“Zammit”, fi Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, jew ta’ periklu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil WPS 160;

Semghet ukoll lil Louis Zammit jghid li jixtieq jirtira r-rapport tieghu stante illi l-imputata rregolat ruhha;

Rat ic-certifikat rilaxxjat mll-Perit A.I.C. Carmelo Borg;

Rat illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex provi ohra xi tressaq;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 25 tal-Kap 10;

Issib lill-imputata hatja pero` stante c-cirkostanzi tikkundannaha ghall-canfira.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------